# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar, 2001**

**Numru 33**

**Citaz. numru: 885/90 NA**

**Tony Spiteri u John Fenech**

**vs**

**Martinu Pulis**

**Appalt - Rapport Tekniku**

**Il-Qorti ma sabet ebda raguni valida mill-provi biex jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tat-tekniku w allura dan hija ma kellhiex taghmlu.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fejn gie premess illi l-atturi kienu, bi ftehim mal-konvenut, ghamlu xoghol ta' kostruzzjoni fil-fond tieghu bla isem u bla numru, fi Triq il-

Gdida, f'Tas-Silg, M'Xlokk;  u peress illi fil-kuntratt, fattura, bejn l-atturi u l-konvenut, il-prezz tax-xoghol lahaq is-somma totali ta' elfejn erba' mija u sitt liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm2406.56c0m), kif jirrizulta mill-kont tal-Perit Lawrence Mintoff, kopja annessa Dok. 'A'; u peress illi l-konvenut hallas akkont is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500) u baqalu bilanc ta' disa' mija u sitt liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm906.56c);  u peress illi l-konvenut ghandu f'idejn l-atturi in konnessjoni mal-istess xoghol tmienja u sebghin liri Maltin (Lm78) ghandhom depozitati ghax-xiri tal-materjal mehtieg u allura bi tpacija jibqa' il-bilanc ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm828.56c);  u peress illli ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenut baqa inadempjenti fil-hlas tal-bilanc dovut;

Talbu li din il-Qorti:-

1. Tiddikjara l-konvenut debitur lejn l-atturi ghas-somma ta' tmien mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm828.56c);  u

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas l-istess somma lill-atturi.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal- (Sic!) ta' Gunju 1990 u dik bonarja tas-17 ta' Awissu 1990, kif ukoll l-imghaxijiet skond il-ligi, kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u d-dokument minnhom esibit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Marika Pulis bhala prokuratrici ta' l-assenti zewgha Martinu Pulis fejn eccepiet bir-rispett:

1. Illi xoghol esegwit mill-atturi l-ewwel ma sarx skond l-ftehim u t-tieni sar kontra s-sengha u l-arti; u

2. Illi l-kont ma hux korrett u jrid jerga jigi maghmul;

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra u ta' azzjoni ghad-danni fuq xoghol hazin.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Marika Pulis bhala prokuratur ta' l-assenti zewgha Martin Pulis skond il-ligi.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' April 1991 fejn gie nominat l-AIC J. Huntingford bhala Perit Tekniku.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 1995 fejn gie nominat l-AIC Rene Buttigieg sabiex ikompli l-inkarigu li kellu l-AIC Joseph Huntingford.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Rene Buttigieg li gie mahluf fid-9 ta' Lulju 1997.

Il-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu wara li semgha x-xhieda kollha tal-partijiet u ezamina d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet ikkonkluda illi preliminarjament *'jirrizulta b'mod car li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-Perit Lawrence Mintoff, inkarigat mix-xoghol, sija ma l-atturi li kienu qed jibnu, kif ukoll mal-konvenut, li minnu gie mqabbad.'* B'hekk skond il-Perit Tekniku *'….in-nuqqas ta' attendenza mill-perit inkarigat mill-konvenut biex jidderigi u jissorvelj l-andament tax-xoghol, huwa responsabbli taghha l-istess konvenut, li kien fl-interess tieghu li jutilizza is-servizzji tal-perit tieghu, b'mod adegwat.'*

Fir-rapport tieghu, il-Perit Tekniku ikkunsidra fid-dettal wiehed wiehed, l-ilmenti tal-konvenuti rigward il-bini u xoghlijiet li saru, u partikolarment dwar:-

1. Il-kantuniera tal-faccata mas-side garden, in-naha tal-garage, saret bil-kwadru flok bit-tond;
2. Minflok it-tlitt twieqi zghar, saret wahda wiesgha;
3. It-tarag ma sarx skond il-pjanta pero imbeda minn-naha l-ohra;
4. Il-verandah thalliet barra;
5. Il-garage ghandu saqaf ghola minn kemm suppost;
6. L-opramorta madwar il-garage hi ghola milli suppost;
7. Hemm konsenturi fil-hajt tal-bedroom;
8. Infetah bieb ghal fuq il-bejt tal-garage;

Il-perit tekniku ikkonkluda li l-ewwel, it-tieni, u r-raba ilmenti imsemmija ma sarux htija tal-atturi stante illi l-konvenuti misshom talbu l-perit taghhom Lawrence Mintoff sabiex jaghti d-direttivi u direzzjoni mehtiega kif mistenni, u misshom gabu dawn l-ilmenti ghall-attenzjoni tal-perit taghhom fil-hin opportun, haga li skond il-perit tekniku ma saritx.

Huwa kkonkluda wkoll illi rigward it-tielet ilment l-atturi ma kellhomx x'jaqsmu mal-kostruzzjoni jew mat-tfassil tat-tarag tal-konkos; Rigward il-hames ilment, skond il-perit tekniku l-atturi gew estromessi mir-responsabbilta' tal-bini taz-zewg filati zejda billi l-konvenut kien f'pozizzjoni li jekk ried setgha ordnalhom ihottu daz-zewg filati, qabel il-garage ssaqqaf; rigward is-seba ilment, il-perit tekniku kkonkluda li l-atturi mhumiex responsabbli ghall-konsenturi li hemm fil-hajt, stante li dawn il-konsenturi huma dovuti ghal xoghol ta' haddiehor u mhux l-atturi;

Rigward it-tmien ilment, il-perit tekniku kkonkluda li '*gjaladarba l-atturi kienu ghadhom fil-kors tal-kostruzzjoni, meta gie indikat lilhom fuq il-post li b'hekk kienu bidlu l-pjanta u gew ordnati mill-perit Mintoff biex dan il-bieb jghalquh  u jsir tieqa, u dan m'ghamluhx, il-valur tax-xoghol biex il-bieb isir tieqa iridu jbatuh huma….Il-valur ta' dax-xoghol illum huwa ta' tmintax il-lira Maltija Lm18.'*

Rigward is-sitt ilment, il-perit tekniku ikkonkluda illi '*l-atturi rrendew ruhhom responsabbli tal-bini taz-zewg filati opramorta zejda fuq is-saqaf tal-garaxx, u konsegwentement*

*ghall-ispiza tar-rimozzjoni taghhom kif ukoll ghal tnaqqis mill-kont tal-perit tal-bini taghhom, fl-ammont ta' erbgha u sittin liri Maltin (Lm64).*'

Illi ghalhekk il-Perit Tekniku jikkonkludi li bazikament it-talba attrici ghandha tigi milqugha izda ghandu jitnaqqas mill-bilanc dovut lill-atturi minghand il-konvenuti, is-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltija (Lm82), biex b'hekk l-ammont prezentement dovut lill-atturi, kif ridott, huwa ta' Lm746.56c.

Flahharnett, il-perit tekniku fir-rapport tieghu jinforma lill-din l-Onorabbli Qorti illi fil-mori tal-kawza, il-konvenuti infurmawh illi ma kienux ser jipprocedu bit-tieni eccezzjoni taghhom li '*l-kont ma hux korrett u jrid jerga jigi maghmul'*, u ghalhekk kienu qedin jillimitaw il-pretensjoni taghhom ghar-riduzzjoni, fil-kont tal-kejl, ta' dawk ix-xoghlijiet li taghhom l-atturi ikunu jinstabu responsabbli ghalihom.

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut ghar-rapport peritali, fejn eccepixxa illi l-perit tekniku ma hax in konsiderazzjoni l-fatt illi kull inkarigu ta' kostruzzjoni ta' bini jinkludi implicitament kondizzjoni li min qieghed jikkostruwixxi jikkonforma ruhu mar-regolamenti, mal-permessi mahruga mill-Awtorita', kif

ukoll mal-pjanta li tkun giet lilu fornita. Apparti dan, skond il-konvenut, ma hemmx obbligu tal-appaltant li jissorvelja personalment jew li jintervjeni personalment biex min ghandu l-obbligu (il-perit) jinvista l-post frekwentment, izda kien obbligu tal-atturi li jahdmu sewwa. Il-konvenut ghamel ukoll referenza ghall-artikolu 1637 tal-Kodici Civili li jippresumi li l-verifika ghandha ssir meta x-xoghol ikun spicca. Skond il-konvenut, barra minn nonkonformita' mal-pjanta, kien hemm difetti fil-kostruzzjoni dovuti ghal deficjenzi fis-sengha, izda l-perit tekniku issorvola dawn id-difetti malajr wisq. Rigward il-fatt illi l-perit tekniku ikkonsidra li l-konvenut ma baqax jinsisti fuq it-tielet eccezzjoni, skond il-konvenut dan mhuwiex korrett. Skond hu, anki mir-rapport stess jemergi li l-ammont mitlub kellu jigi rivedut u dan ir-rivisjoni tal-kont tal-atturi trid issir b'mod iktar drastiku biex tiehu kont ta' xoghol difettuz li jrid jissewwa. Fin-nota tieghu l-konvenut ssottometta li l-process ghandu jigi rimess lill-perit biex jikkwantifika l-ammont li jigi mnaqqas minhabba dawn id-deficjenzi, u dana stante li l-perit tekniku interpreta hazin l-obbligu tal-appaltant f'kuntratt ta' inkarigu ta' xoghol ta' kostruzzjoni.

Rat in-nota responsiva ta' kritika tal-atturi ghal dik tal-konveut. Skond l-atturi, mart il-konvenut kienet qed tiehu hsieb il-

progett u kienet tmexxi kollox hi, kif trid hi u la kif kien ppjana l-perit jew ottjena l-permess u lanqas kif kien jirrizulta mill-pjanta.  Skond huma, mart il-konvenut riedet dejjem li jsir li tghid hija u dana minkejja li kien gie l-ispettur tal-Awtorita’ tal-Ippjanar javzha li ma kienitx miexja mal-pjanta.  Skond huma dan kollu hareg car mill-provi prodotti.  Fil-fatt skond huma l-atturi kienu dahlu ghall-appalt fuq inkarigu ta’ mart il-konvenut u d-direzzjonijiet li kienu jiehdu, kienu jehduhom minn ghandha, u l-piz li jissejjah il-perit biex jidderigi dejjem kien tal-konvenut, primarjament u finalment.

Ikkunsidrat:-

Jinghad fl-ewwel lok illi din il-kawza giet differita definittivament ghas-sentenza ghas-17 ta' Mejju 1999.  Ghal xi zmien pero' l-process kien mitluf u ghalhekk is-sentenza ma setghetx tinghata (ara verbali tal-5 ta' Ottubru u 10 ta' Novembru 1999 u 21 ta' Jannar 2000).  Il-Qorti pero' tinnota illi fis-seduti tal-10 ta' Gunju u 30 ta' Novembru 1998 kif ukoll f'dik tal-4 ta' April 2000 id-difensur tal-konvenut kien prezenti meta ssejhet il-kawza u qabel illi setghet tibqa' differita ghas-sentenza.  Dan qed jinghad fir-rigward tat-talba tal-konvenut maghmulha fin-nota tieghu biex il-process jerga' jigi rimess lill-

Perit Tekniku biex dana jerga' jikkwantifika l-ammont li jrid jigi mnaqqas.

Din l-osservazzjoni twassal lill-Qorti biex tikkonsidra wkoll l-ilment tal-konvenut illi l-Perit Tekniku ma kienx korrett meta ddikjara illi l-konvenut ma kienx qed ikompli jinsisti fuq it-tielet eccezzjoni. F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota wkoll fl-ewwel lok illi r-riferenza tal-Perit Tekniku kienet ghat-tieni u mhux ghat-tielet eccezzjoni. Dwar it-tielet eccezzjoni, eccezzjonijiet ohra ma sarux pero' ghal kull buon fini l-Qorti qieghdha tirrizerva favur il-konvenut kull azzjoni spettanti lilu skond il-ligi ghal danni fuq xoghol maghmul hazin.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tieni eccezzjoni u fil-meritu l-Qorti kkunsidrat ix-xhieda ta' Paul Piscopo, hu l-mara tal-konvenut, moghtija quddiem il-Perit Tekniku fil-15 ta' Frar 1994 "*Jien kont prezenti meta sar il-kejl, kien hemm il-Perit Lawrence Mintoff, Kejlu, u kellhom ihallsu.*" Anke ta' aktar rilevanza ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza hija x-xhieda moghtija mill-istess konvenut, ukoll quddiem il-Perit Tekniku, fis-seduta tat-22 ta' Settembru 1992 "W*aqt il-kejl, inqalu hafna kwistjonijiet dwar ir-rati, jien u l-mara ma qbilniex ma' certi rati. Il-Perit dak il-mument irranana dwar ir-rati u l-kont hareg fuq*

*ir-rati miftehmin. Jien nghid li kien baqalna intuhom xi Lm600 jew Lm700.*" L-ammont likwidat mill-Perit Tekniku favur l-attur huwa ta' Lm747!

Dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt meqjusa flimkien mar-relazzjoni tal-Perit Tekniku fejn huwa akkuratament ezamina l-ilmenti partikolari tal-konvenut mil-lat tekniku fil-konfront ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess konvenut iwasslu lill-Qorti li ma ssib ebda raguni gravi u serja "*ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku*" ("Bonnett vs Lewis" - Qorti ta' l-Appell - 1 ta' Marzu 1994).

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut hlief kif fuq spjegat tilqa' t-talba attrici limitatament pero' ghas-somma ta' seba' mija u sebgha w erbghin lira Maltija (Lm747) u tiddikjara l-konvenut debitur lejn l-atturi ghal din is-somma u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas din is-somma lill-atturi u dana bl-ispejjez tal-kawza kif mitluba u bl-imghax legali millum.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.